# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Marzu 2019**

**Numru 15**

**Rikors numru 176/16 AL**

**Pierre Darmanin**

**v.**

**Louise Darmanin**

**Preliminari:**

1. Dan hu appell maghmul mill-attrici minn sentenza parzjali moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fit-30 ta' Jannar 2018 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talba tal-attur skont l-Artikolu 55 tal-Kodici Civili u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet konjugi Darmanin b'effett mill-jum li dik is-sentenza tghaddi f'gudikat; bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Fatti**

2. Il-fatti relevanti huma dawn. Il-partijiet izzewwgu ftit taz-zmien wara li l-konvenuta harget tqila ftit wara li kienu bdew johorgu flimkien. Dak iz-zmien l-attur kellu problema tad-droga li, skont hu, issupera wara li ghamel programm appozitu. L-attur jiggestixxi negozju tal-injam li, skont hu, huwa parafernali tieghu peress li wirtu minghand missieru. L-uniku dhul tal-partijiet kien mill-introjtu ta' dan in-negozju peress li l-konvenuta ma kinitx tahdem barra mid-dar u kellha l-oneru li tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja.

3. Il-partijiet ghandhom zewgt itfal illum maggjorenni. Wara li nqala' l-inkwiet matrimonjali, l-attur allontana ruhu mid-dar matrimonjali u mar joqghod f'post li l-partijiet ghandhom fil-Gzira, filwaqt li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' wlied-il partijiet. Fil-frattemp il-konvenuta sabet impieg *full time* li l-introjtu tieghu qed tuzah sabiex tghajjex lilha nnifisha u l-bzonnijiet tad-dar u anke ta' uliedha.

4. L-attur prezenta rikors guramentat fejn qed jitlob, inter alia, is-separazzjoni personali minn martu l-konvenuta htija taghha, kif ukoll il-waqfien u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Min-naha taghha l-konvenuta ma oggezzjonatx ghat-talba tal-attur ghas-separazzjoni

personali u r-rispettiva talba ghax-xoljiment tal-komunjoni, anzi ghamlet kontro-talba li permezz taghha hi wkoll ghamlet talba ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha bi htija tieghu, oltre li hi wkoll talbet, inter alia, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

5. Matul il-proceduri odjerni, l-attur qed jghix mill-introjtu li jdahhal mill-gestjoni tan-negozju li skont il-konvenuta qed izommu kollu ghalih, filwaqt li l-konvenuta qed tghix mill-introjtu tal-impieg taghha li wkoll qed izzommu ghaliha. Iz-zewg introjti jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

6. F'dan l-isfond fit-28 ta' Novembru 2017 l-attur ipprezenta rikors fejn talab il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet fit-termini tal-Artikolu 55 [1] tal-Kodici Civili. L-attrici qed topponi ghal din it-talba ghar-ragunijiet kontenuti fir-risposta taghha fejn ukoll ghamlet talba sabiex ir-rikors tal-attur *"jigi appuntat ghas-smigh sabiex [il-konvenuta] tressaq provi ulterjuri in sostenn ta' dak li qed jigi dikjarat f'din ir-risposta".* Din l-ahhar talba ma ntlaqghetx mill-ewwel Qorti li ghaddiet sabiex taghti sentenza fuq l-atti kif komposti sa dakinhar u fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet kontenuti fir-rikors fuq indikat u fir-risposta relattiva.

**Is-Sentenza Appellata**

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

"Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Darmanin u dana ai termini tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Dan l-Artikolu jagħti l-fakolta' lill-Qorti sabiex f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata, billi jistipula:

> *""(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.""*

"Il-Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitlu 16 illi jistipula:

> *""(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.""*

"Bħala regola allura, il-Qorti għandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-każi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra.

"Il-Qorti tilqa' l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn fis-sentenza Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell[1] intqal *"Fil-fehma tal-Qorti, l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, l-Qorti teżamina jekk l-oġġezzjoni jew l-oġġezzjonijiet imressqa humiex oġġettivament rilevanti għall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inċiż 4. F'każ li l-oġġezzjoni tissupera l-ewwel għarbiel, jeħtieġ li l-Qorti tgħaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeċiedi jekk l-oġġezzjoni, oġġettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfaċentement illi fl-ewwel lok ser tbati preġudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirriżulta preġudizzju, jekk tali preġudizzju hux proporzjonat jew le."*

"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-20 t'Ottubru 2015 (Rikors Numru 139/12 RGM)

darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat". Dana ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet Jael Cassar vs. Robert Cassar[2].

"Din il-Qorti ssegwi wkoll l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ddikjarat illi l-preġudizzju mhux proporzjonat għandu jiġi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li min jallega jrid jipprova, ossia illi l-oneru tal-prova *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

"Fil-fatt, b'sentenza mogħtija fl-ismijiet Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi[3] il-

"Qorti tal-Appell iddikjarat illi:- *"In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta' lil parti jew oħra li "f'kull żmien: matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi…….t-talba għall-waqfien m'għandiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

"In vista tal-liġi u tal-ġurisprudenza li qed issir referenza għalihom, din il-Qorti sejra tikkonsidra jekk l-oġġezzjonijiet sollevati mill-intimata 1) humiex relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55, 2) humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.

"Il-Qorti hija tal-fehma illi fost l-oġġezzjonijiet elenkati mill-intimata hemm uħud relevanti ai fini tat-talba odjerna għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet. Oħrajn li m'humiex relevanti ai fini ta' din it-talba, iżda li jistgħu ikunu relevanti fl-ambitu tas-separazzjoni personali tal-partijiet, f'dan l-istadju ġew skartati mill-Qorti, iżda jiġu kkonsidrati fi stadju ulterjuri meta l-Qorti tgħaddi għad-deċiżjoni finali.

"Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina jekk l-istess oġġezzjonijiet jiġġustifikawx iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

"Dwar l-ilment ewlieni tal-intimata illi jekk it-talba tar-rikorrent tintlaqa', allura huwa ser ikun jista' jgawdi waħdu il-frott tan-negozju tal-injam liema frott sal-lum jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed tibża' minnu l-intimata ma jikkostitwiex preġudizzju mhux proporzjonat, għaliex bl-istess mod hija ser tkun tista' tgawdi weħidha l-frott tal-ħidma tagħha, li bħall-introjtu tan-negozju, ukoll sal-lum, jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.

---

[2] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Diċembru 2013, (Rikors Numru. 212/2009/2 RGM)
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Marzu 2014 (Appell Ċivili Numru. 257/2011/1)

"Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firda, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat;[4]

"Il-Qorti tirrileva illi l-waqfien tal-komunjoni jseħħ meta s-sentenza tal-Qorti tgħaddi in ġudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv. Il-Qorti dejjem ikkunsidrat[5] illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-deċiżjoni dwar il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Dana qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-seħħ, mhux il-likwidazzjoni tal-istess komunjoni f'dan l-istadju. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi: *"Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi għal futur u mhux għal dawk l-assi li diġa` daħlu u qegħdin fil-komunjoni* ***anke jekk ad insaputa tal-attriċi.****'*[6] [7]

"Illi għalhekk, il-Qorti, bis-saħħa tal-preżenti, bl-ebda mod mhi ser taqsam u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Il-Qorti ser tkun qiegħda **biss** tordna x-xoljiment tagħha. Il-qasma u l-assenjazzjoni tagħha jibqgħu materji biex jiġu deċiżi sussegwentement mas-sentenza definittiva.

"Illi għalhekk il-Qorti m'hijiex tal-fehma li f'dan il-każ jeżistu l-elementi eċċezzjonali meħtieġa ai termini tar-raba' sub-inċiż tal-Artikolu 55, sabiex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx. Jekk l-intimata hija tal-fehma, li hekk kif jiġi ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, l-introjtu tar-rikorrent ser jibda jissupera il-paga tagħha, fi kliemha "paga miżera", is-soluzzjoni m'hijiex li ma tiġix xolta il-komunjoni iżda li l-intimata tfittex metodi alternattivi kif timmeljora l-introjtu tagħha. Il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament illi filwaqt li parti tkun tixtieq tinħall mill-obbligi li jġib magħhom iż-żwieġ, bħalma huma l-konvivenza u l-assistenza reċiproka, ma tkunx tixtieq b'mod ugwali tinqata' mill-benefiċċji li jġib miegħu l-istess żwieġ.

[4] Insenjament ta' din il-Qorti fil-kawża Stephanie Attard vs. Kenneth Attard, Rikors Numru: 188/15/2AL, deċiża fis-26 t'Ottubru 2016;
[5] Eżempju: Grima Christopher vs. Grima Liliana, Rikors Ġuramentat 85/2011AL u wkoll Edwin Aquilina vs. Rita Aquilina, Rikors Ġuramentat: 271/15AL
[6] Lowell vs. Lowell *supra*
[7] Enfasi ta' din il-Qorti

> "Il-Qorti mhi qed tara l-ebda ħtieġa li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tibqa' in vigore millum 'il quddiem. Għall-kuntrarju, huwa fl-interess taż-żewġ partijiet illi ma jgħabbux il-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. Kif stqarret l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża ġja ċċitata, Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi[8], it-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iġib benefiċċju inkwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jiġi imputat lill-komunjoni.
>
> "Illi tenut kont ta' dan kollu suespost, hija fehma tal-Qorti illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju m'huwiex ser jarreka preġudizzju mhux proporzjonat lill-intimata; Konsegwentement, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju.
>
> "Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin mertu tal-kawża tas-separazzjoni personali bejniethom."

**L-Appell**

8. Il-konvenuta appellat minn din id-decizjoni b'rikors prezentat fid-19 ta' Frar 2018 fejn qed titlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

9. Min-naha tieghu l-attur prezenta risposta fit-18 ta' Settembru 2018 li biha, ghar-ragunijiet hemm spjegati, qed jitlob li din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

**L-Aggravji**

10. Il-konvenuta qed tibbaza l-appell taghha fuq zewg aggravji: [1] li mhux minnu li bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju hi mhux

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Marzu 2014 (Appell Ċivili Numru. 257/2011/1)

ser issofri pregudizzju mhux sproporzjonat u [2] li l-ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba tieghu sabiex hija tkun tista' *"tressaq il-provi in sostenn tad-difiza taghha",* u fir-rigward ghamlet referenza ghad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq.

*L-Ewwel u t-Tieni Aggravju*

11. Il-konvenuta ssostni li ladarba hi kellha l-oneru li tipprova li bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti hi kienet ser issofri pregudizzju mhux sproporzjonat, l-ewwel Qorti, qabel ma ghaddiet ghas-sentenza, kellha tilqa' t-talba taghha sabiex tithalla tressaq provi fir-rigward. Tghid li l-fatt li dik il-Qorti ma laqghetx it-talba taghha jmur kontra d-dritt fundamentali taghha ghal-smigh xieraq kif sancit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet fundamentali.

12. Min-naha tieghu l-attur jirribatti billi fis-succint jghid li mhuwiex minnu li l-waqfien tal-komunjoni ser jikkreja pregudizzju mhux sproporzjonat lill-konvenuta li min-naha taghha ghandha impieg regolari *full time* li jiggenera introjtu li zzomm ghaliha. Isostni li l-fatt li hu qed izomm ghalih il-qligh nett tan-negozju ma jikkostitwix dak il-pregudizzju li tesigi l-ligi sabiex ma tintlaqax talba bhala dik maghmula minnu. Iz-zewg

partijiet qed izommu ghalihom l-introjtu taghhom, liema introjtu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

13. Fl-ewwel lok u b'referenza ghall-allegat ksur tad-dritt fundamentali tas-smigh xieraq tal-konvenuta, din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex tilqa' t-talba taghha u tappunta r-rikors ghas-smigh u ghall-provi fir-rigward ma jikkostitwix ksur awtomatiku tal-imsemmi dritt fundamentali, ghax id-determinazzjoni ta' tali talba dwar jekk tintlaqax jew le hija fakultattiva ghal qorti li quddiemha tkun saret dik it-talba fid-dawl ta' dak li kien qed jigi allegat u sottomess.

14. Rigward il-principju tal-*equality of arms* invokat mill-konvenuta, din il-Qorti tosserva li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta kellha l-opportunita` li tirreagixxi ghar-rikors maghmul mill-attur li permezz tieghu saret it-talba ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Hija hadet l-opportunita` li tipprezenta risposta dettaljata dwar il-punti sollevati mill-attur. Ghalhekk fir-rigward din il-Qorti ma tarax kif jista' validament jinghad li l-imsemmi principju gie vjolat.

15. Fil-meritu l-Qorti tosserva li fil-kaz odjern jirrizulta car mill-oggezzjoni tal-konvenuta, kontenuta fir-risposta taghha, li dak li qed tistrih

fuqu l-konvenuta huwa l-fatt li l-attur qed izomm l-introjtu kollu tan-negozju ghalih u mhux qed juzah biex jistghana l-komunjoni tal-akkwisti. Din il-Qorti tosserva li dan il-fatt li l-attur qed izomm il-qligh ghalih huwa pacifiku bejn il-partijiet, u ghalhekk ma kienx hemm lok sabiex jitressqu "provi ulterjuri" fir-rigward. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ma vvjolat ebda dritt fundamentali tal-konvenuta meta, fuq fatt pacifikament akkolt, dehrilha li ma kienx il-kaz li tappunta r-rikors ghas-smigh u, minflok, strahet fuq l-atti biex ghaddiet ghas-sentenza.

16. Dak li jidher li qed idejjaq lill-konvenuta u li hi tqis bhala pregudizzju sproporzjonat ghaliha huwa l-fatt li sa dan l-istadju, meta ghad ma nghalqux il-provi dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni, hija ma tafx kemm hu l-qligh nett tal-attur minn negozju u tallega li *"wiehed jista' biss jimmagina x'manuvri qed jaghmel [l-attur] biex id-dhul dikjarat [sic] jinheba.."*[9]. Din il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni tal-qligh tal-attur minn negozju, flimkien mal-allegazzjoni gratuwita` tal-konvenuta li hu qed jahbi parti minn dan il-qligh, hija materja li ghandha tigi ezaminata fl-ambitu tas-separazzjoni personali u huwa irrelevanti jekk il-komunjoni tal-akkwisti titwaqqafx f'dan l-istadju jew le ghax il-konvenuta ghad ghandha l-opportunita` li tressaq provi fir-rigward fil-proceduri tas-separazzjoni. Din il-Qorti tirribadixxi li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jirreferi ghall-futur u mhux ghal passat u, minkejja li dak li z-zewg partijiet qed idahhlu mix-

[9] Risposta tal-konvenuta prezentata fil-15 Dicembru 2012 ghar-rikors tal-attur, par.9

xoghol taghhom s'issa hu tal-komunjoni, l-istess huwa tal-komunjoni kull dejn li talvolata jistghu jaghmlu. Ghalhekk anke minn din il-perspettiva ta' dejn, il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mhux talli ma jippregudikax lill-konvenuta talli jaf ikun ta' beneficju ghaliha ghax mid-data tal-waqfien tal-komunjoni 'l quddiem hi ma tkunx responsabbli ghad-dejn li talvolta jista' jaghmel l-attur.

17. Hija opportuna wkoll l-osservazzjoni li l-oppozizzjoni da parti tal-konvenuta ggib lill-istess konvenuta f'sitwazzjoni kontradittorja fejn, filwaqt li fil-kontro-talba[10] hi wkoll qed titlob il-likwidazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni, fl-istess hin fil-mori tal-proceduri qed toggezzjona ghat-twaqqif tal-istess komunjoni.

18. Finalment, il-Qorti tosserva li mhux il-kaz li l-konvenuta m'ghandhiex biex tghix jew m'ghandhiex saqaf fuq rasha ghax hu pacifikament akkolt li hi ghandha impieg full time u wkoll ghadha tghix fid-dar matrimonjali f'San Giljan, filwaqt li l-attur jghix f'appartament il-Gzira.

19. Ghaldaqstant l-aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

[10] Prezentata fit-3 ta' Ottubru 2016

Spejjez tal-ewwel istanza jkunu bla taxxa, filwaqt li l-ispejjez tal-appell jibqghu kollha a kariku tal-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm